Il-Ġurnal Uffiċjali
tal-Unjoni Ewropea

MT
Is-serje L

2025/1079

3.6.2025

DIRETTIVA TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2025/1079

tat-2 ta' Ġunju 2025

li temenda d-Direttivi 2003/90/KE u 2003/91/KE fir-rigward tal-protokolli għall-eżami ta' ċerti varjetajiet ta' speċijiet tal-pjanti agrikoli u ta' speċijiet tal-ħxejjex

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropa,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 2002/53/KE tat-13 ta' Ġunju 2002 dwar il-varjetajiet komuni ta' katalgi ta' speċi ta' pjanti agrikoli ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 7(2), il-punti (a) u (b) tagħha,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 2002/55/KE tat-13 ta' Ġunju 2002 dwar il-marketing ta' żrieragħ tal-ħxejjex ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu 7(2), il-punti (a) u (b) tagħha,

Billi:

(1) Id-Direttivi tal-Kummissjoni 2003/90/KE ([3]) u 2003/91/KE ([4]) huma maħsubin biex jiżguraw li l-varjetajiet ta' speċijiet tal-pjanti agrikoli u ta' speċijiet tal-ħxejjex li l-Istati Membri jinkludu fil-katalgi nazzjonali tagħhom ikunu jikkonformaw mal-protokolli stabbiliti mill-Uffiċċju Komunitarju tal-Varjetajiet tal-Pjanti ("CPVO", Community Plant Variety Office). B'mod partikolari, dawk id-Direttivi huma maħsuba biex jiżguraw il-konformità mar-regoli b'rabta mal-karatteristiċi li jridu jiġu koperti bħala minimu mill-eżami u mill-kundizzjonijiet minimi għall-eżami ta' ċerti varjetajiet ta' speċijiet tal-pjanti agrikoli u tal-ħxejjex. Għall-ispeċijiet mhux koperti mill-protokolli tas-CPVO, dawk id-Direttivi huma maħsuba biex jiżguraw il-konformità mal-linji gwida tal-Unjoni Internazzjonali għall-Protezzjoni ta' Varjetajiet Ġodda tal-Pjanti ("UPOV", International Union for Protection of New Varieties of Plants).

(2) Is-CPVO stabbilixxa aktar protokolli u aġġorna dawk eżistenti, b'mod partikolari fir-rigward tas-silla ħamra, il-kolza, ir-rapa tan-nevew, l-ispraġ, il-bżar aħmar jew bżar ieħor, iċ-ċikwejra industrijali, il-bettieħ, il-ħjar u l-ħjar tal-pikles, il-qarabagħli jew iz-zukkini, u l-ħass. Dawk l-aġġornamenti jenħtieġ li jiġu riflessi fid-dritt tal-Unjoni.

(3) Għalhekk, d-Direttivi 2003/90/KE u 2003/91/KE jenħtieġ li jiġu emendati kif xieraq.

(4) Ir-regoli l-ġodda jenħtieġ li jibdew japplikaw mill-1 ta' Jannar 2026. Madankollu, biex ma jitħarbtux l-eżamijiet uffiċjali, għall-varjetajiet li ma jkunx għadhom ġew aċċettati biex jiddaħħlu fil-Katalgu Komuni tal-varjetajiet tal-pjanti agrikoli jew tal-ispeċijiet tal-ħxejjex, l-eżamijiet uffiċjali mibdija iżda mhux finalizzati qabel l-1 ta' Jannar 2026 jenħtieġ li japplikaw id-Direttiva 2003/90/KE jew mad-Direttiva 2003/91/KE kif kienu japplikaw qabel ġew emendati b'din id-Direttiva.

(5) Il-miżuri previsti f'din id-Direttiva huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

([1]) ĠU L 193, 20.7.2002, p. 1; ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2002/53/oj.
([2]) ĠU L 193, 20.7.2002, p. 33; ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2002/55/oj.
([3]) Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2003/90/KE tas-6 ta' Ottubru 2003 li tistabbilixxi miżuri ta' implimentazzjoni għall-iskopijiet tal-Artikolu 7 tad-Direttiva tal-Kunsill 2002/53/KE fir-rigward tal-karatteristiċi li għandhom jiġu koperti bħala minimu mill-eżami u l-kondizzjonijiet minimi għall-eżami ta' ċerti varjetajiet ta' speċi ta' pjanti agrikoli (ĠU L 254, 8.10.2003, p. 7; ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2003/90/oj).
([4]) Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2003/91/KE tas-6 ta' Ottubru 2003 li twaqqaf il-miżuri ta'implimentazzjoni għall-għanijiet ta' Artikolu 7 tad-Direttiva tal-Kunsill 2002/55/KE rigward il-karatteristiċi li għandhom jiġu inklużi bħala minimu ottenut mill-eżami u l-kondizzjonijiet minimi għall-eżami ta'ċerti varjetajiet ta'speċi ta' ħaxix (ĠU L 254, 8.10.2003, p. 11; ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2003/91/oj).

ADOTTAT DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1

Emendi tad-Direttiva 2003/90/KE

L-Annessi I u II tad-Direttiva 2003/90/KE huma sostitwiti bit-test stipulat fil-parti A tal-Anness ta' din id-Direttiva.

Artikolu 2

Emendi tad-Direttiva 2003/91/KE

L-Annessi I u II tad-Direttiva 2003/91/KE huma sostitwiti bit-test stipulat fil-parti B tal-Anness ta' din id-Direttiva.

Artikolu 3

Traspożizzjoni

1. L-Istati Membri għandhom jadottaw u jippubblikaw, sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2025, il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex ikunu konformi ma' din id-Direttiva. Għandhom jikkomunikaw minnufih it-test ta' dawk id-dispożizzjonijiet lill-Kummissjoni.

Għandhom japplikaw dawn id-dispożizzjonijiet mill-1 ta' Jannar 2026.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawk id-dispożizzjonijiet, dawn għandhom jinkludu referenza għal din id-Direttiva jew għandhom ikunu akkumpanjati minn dik ir-referenza waqt il-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. L-Istati Membri għandhom jiddeċiedu kif għandha ssir dik ir-referenza.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet ewlenin tal-liġi nazzjonali li jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

Artikolu 4

Miżuri tranżizzjonali

Għall-eżamijiet uffiċjali tal-varjetajiet mibdija iżda mhux finalizzati qabel l-1 ta' Jannar 2026, għandhom japplikaw id-Direttivi 2003/90/KE u 2003/91/KE kif kienu qabel ġew emendati b'din id-Direttiva.

Artikolu 5

Dħul fis-seħħ

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Artikolu 6

Destinatarji

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, it-2 ta' Ġunju 2025.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS

PARTI A

"ANNESS I

Lista tal-ispeċijiet imsemmija fl-Artikolu 1(2), il-punt (a), li jridu jikkonformaw mal-protokolli tekniċi tas-CPVO (*)

Isem xjentifiku	Isem komuni	Protokoll tas-CPVO
Dactylis glomerata L.	Dekkuka	TP 31/1 tal-25.3.2021
Festuca arundinacea Schreb.	Żwien tar-ragħa	TP 39/1 tal-1.10.2015
Festuca filiformis Pourr.	Żwien tan-nagħaġ tal-werqa fina	TP 67/1 tat-23.6.2011
Festuca ovina L.	Żwien tan-nagħaġ	TP 67/1 tat-23.6.2011
Festuca pratensis Huds.	Żwien tal-mergħat	TP 39/1 tal-1.10.2015
Festuca rubra L.	Żwien aħmar	TP 67/1 tat-23.6.2011
Festuca trachyphylla (Hack.) Hack.	Żwien iebes tal-ġeneru Festuca	TP 67/1 tat-23.6.2011
Lolium multiflorum Lam.	Sikrana Taljana	TP 4/2 tad-19.3.2019
Lolium perenne L.	Sikrana perenni	TP 4/2 tad-19.3.2019
Lolium x *hybridum* Hausskn.	Sikrana ibrida	TP 4/2 tad-19.3.2019
Medicago sativa L.	Xnien	TP 6/1 Rett. tat-22.12.2021
Medicago x *varia* T. Martyn	Xnien ir-ramel	TP 6/1 Rett. tat-22.12.2021
Phleum nodosum L.	Mustaċċ il-qattus	TP 34/1 tat-22.12.2021
Phleum pratense L.	Denb il-qattus	TP 34/1 tat-22.12.2021
Pisum sativum L. (partim)	Piżelli	TP 7/2 Rev. 3 Rett. tas-6.3.2020
Poa pratensis L.	Mellieħ taz-zokk lixx	TP 33/1 tal-15.3.2017
Trifolium pratense L.	Silla ħamra	TP 5/1 Rev. tat-13.2.2025
Vicia faba L.	Favetta	TP 8/1 tad-19.3.2019
Vicia sativa L.	Ġulbiena komuni	TP 32/1 tad-19.4.2016
Brassica napus L. var. *napobrassica* (L.) Rchb.	Nevew	TP 89/1 tal-11.3.2015
Raphanus sativus L. var. *oleiformis* Pers.	Ravanell għall-għalf	TP 178/1 tal-15.3.2017
Brassica napus L. (partim)	Kolza	TP 36/4 tal-31.3.2025
Brassica rapa L. var. *silvestris* (Lam.) Briggs	Rapa tan-nevew	TP/185/1 tal-31.3.2025
Cannabis sativa L.	Qanneb	TP 276/2 Rev. tat-30.12.2022
Glycine max (L.) Merr.	Fażola tas-sojja	TP 80/1 tal-15.3.2017
Gossypium spp.	Qoton	TP 88/2 tal-11.12.2020
Helianthus annuus L.	Ġirasol	TP 81/1 tal-31.10.2002
Linum usitatissimum L.	Kittien/Żerriegħa tal-kittien	TP 57/2 tad-19.3.2014

Isem xjentifiku	Isem komuni	Protokoll tas-CPVO
Sinapis alba L.	Mustarda bajda	TP 179/1 tal-15.3.2017
Avena nuda L.	Ħafur għerwien żgħir, ħafur mingħajr buq	TP 20/3 tas-6.3.2020
Avena sativa L. (inkluż *A. byzantina* K. Koch)	Ħafur u Ħafur Aħmar	TP 20/3 tas-6.3.2020
Hordeum vulgare L.	Xgħir	TP 19/5 tad-19.3.2019
Oryza sativa L.	Ross	TP 16/3 tal-1.10.2015
Secale cereale L.	Segala	TP 58/1 Rev. Rett. tas-27.4.2022
Sorghum bicolor (L.) Moench sottosp. *bicolor*	Ħaxix tas-Sorgu	TP 122/1 tad-19.3.2019
Sorghum bicolor (L.) Moench sottosp. *drummondii* (Steud.) de Wet ex Davidse	Ħaxix tas-Sudan	TP 122/1 tad-19.3.2019
Sorghum bicolor (L.) Moench sottosp. *bicolor* x *Sorghum bicolor* (L.) Moench sottosp. *drummondii* (Steud.) de Wet ex Davidse	Ibridi li jirriżultaw mill-inkroċjar ta' *Sorghum bicolor* subsp. *bicolor* ma' *Sorghum bicolor* subsp. *drummondii*	TP 122/1 tad-19.3.2019
xTriticosecale Wittm. ex A. Camus	Ibridi li jirriżultaw mill-inkroċjar ta' speċi tal-ġeneru *Triticum* u ta' speċi tal-ġeneru *Secale*	TP 121/3 Rett. tas-27.4.2022
Triticum aestivum L. subsp. *aestivum*	Qamħ	TP 3/5 tad-19.3.2019
Triticum turgidum L. subsp. *durum* (Desf.) van Slageren	Qamħ durum	TP 120/3 tad-19.3.2014
Zea mays L. (partim)	Qamħirrum	TP 2/3 tal-11.3.2010
Solanum tuberosum L.	Patata	TP 23/4 tat-28.11.2023

(*) It-test ta' dawn il-protokolli jinsab fuq is-sit web tas-CPVO (www.cpvo.europa.eu).

ANNESS II

Lista tal-ispeċijiet imsemmija fl-Artikolu 1(2), il-punt (b), li jridu jikkonformaw mal-linji gwida tal-ittestjar tal-UPOV (*)

Isem xjentifiku	Isem komuni	Linja gwida tal-UPOV
Beta vulgaris L.	Pitravi tal-għalf	TG/150/3 tal-4.11.1994
Agrostis canina L.	Agrostide kanina	TG/30/6 tat-12.10.1990
Agrostis gigantea Roth	Agrostide ġganta	TG/30/6 tat-12.10.1990
Agrostis stolonifera L.	Agrostide rampikanti	TG/30/6 tat-12.10.1990
Agrostis capillaris L.	Agrostide komuni	TG/30/6 tat-12.10.1990
Bromus catharticus Vahl	Ħurtan Perenni	TG/180/3 tal-4.4.2001
Bromus sitchensis Trin.	Bromu tal-Alaska	TG/180/3 tal-4.4.2001
xFestulolium Asch. et Graebn.	Ibridi li jirriżultaw mill-inkroċjar ta' speċi tal-ġeneru *Festuca* ma' speċi tal-ġeneru *Lolium*	TG/243/1 tad-9.4.2008

Isem xjentifiku	Isem komuni	Linja gwida tal-UPOV
Lotus corniculatus L.	Għantqux	TG/193/1 tad-9.4.2008
Lupinus albus L.	Lupina bajda	TG/66/4 tal-31.3.2004
Lupinus angustifolius L.	Lupina b'weraq dojoq	TG/66/4 tal-31.3.2004
Lupinus luteus L.	Lupina safra	TG/66/4 tal-31.3.2004
Medicago doliata Carmign.	Nefel tal-fergħa dritta	TG/228/1 tal-5.4.2006
Medicago italica (Mill.) Fiori	Nefel tal-midalja	TG/228/1 tal-5.4.2006
Medicago littoralis Rohde ex Loisel.	Nefel tax-xtut	TG/228/1 tal-5.4.2006
Medicago lupulina L.	Nefel iswed	TG/228/1 tal-5.4.2006
Medicago murex Willd.	Nefel tal-globu	TG/228/1 tal-5.4.2006
Medicago polymorpha L.	Nefel komuni	TG/228/1 tal-5.4.2006
Medicago rugosa Desr.	Nefel imkemmex	TG/228/1 tal-5.4.2006
Medicago scutellata (L.) Mill.	Nefel tal-bebbux	TG/228/1 tal-5.4.2006
Medicago truncatula Gaertn.	Nefel tal-fosdqa	TG/228/1 tal-5.4.2006
Trifolium repens L.	Silla bajda	TG/38/7 tad-9.4.2003
Trifolium subterraneum L.	Silla sotterranja	TG/170/3 tal-4.4.2001
Phacelia tanacetifolia Benth.	Kampanella ta' Kalifornja	TG/319/1 tal-5.4.2017
Arachis hypogaea L.	Karawett	TG/93/4 tad-9.4.2014
Brassica juncea (L.) Czern.	Mustarda kannella	TG/335/1 tas-17.12.2020
Brassica rapa L. var. *silvestris* (Lam.) Briggs	Rapa tan-nevew	TG/185/3 tas-17.4.2002
Carthamus tinctorius L.	Għosfor	TG/134/4 tal-24.10.2023
Papaver somniferum L.	Peprina	TG/166/4 tad-9.4.2014

(*) It-test ta' dawn il-linji gwida jinsab fuq is-sit web tal-UPOV (www.upov.int)."

PARTI B

"*ANNESS I*

Lista tal-ispeċijiet imsemmija fl-Artikolu 1(2), il-punt (a), li jridu jikkonformaw mal-protokolli tekniċi tas-CPVO (*)

Isem xjentifiku	Isem komuni	Protokoll tas-CPVO
Allium cepa L. (il-grupp Cepa)	Basal u Echalion	TP 46/2 tal-1.4.2009
Allium cepa L. (il-grupp Aggregatum)	Xalott	TP 46/2 tal-1.4.2009
Allium fistulosum L.	Basal tal-għenieqed (Japanese bunching onion jew Welsh onion)	TP 161/1 tal-11.3.2010
Allium porrum L.	Kurrat	TP 85/2 tal-1.4.2009
Allium sativum L.	Tewm	TP 162/2 tat-30.5.2023
Allium schoenoprasum L.	Kurrat selvaġġ	TP 198/2 tal-11.3.2015

Isem xjentifiku	Isem komuni	Protokoll tas-CPVO
Apium graveolens L.	Karfus	TP 82/1 tat-13.3.2008
Apium graveolens L.	Karfusa liftija	TP 74/1 tat-13.3.2008
Asparagus officinalis L.	Spraġ	TP 130/2 Rev. tat-3.1.2025
Beta vulgaris L.	Pitravi inkluż il-pitrava Cheltenham	TP 60/1 tas-1.4.2009
Beta vulgaris L.	Pitravi tal-ispinaċi jew Chard	TP 106/2 tal-14.4.2021
Brassica oleracea L.	Kaboċċa mberfla	TP 90/1 tal-16.2.2011
Brassica oleracea L.	Pastard	TP 45/2 Rev. 3 tal-11.4.2024
Brassica oleracea L.	Brokkli li qed inibbet jew Kalabriż	TP 151/2 Rev. 3 Rett. tal-11.4.2024
Brassica oleracea L.	Kaboċċi ta' Brussell/kaboċċi taz-zokk	TP 54/2 Rev. 2 tal-11.4.2024
Brassica oleracea L.	Ġidra	TP 65/2 Rev. tal-11.4.2024
Brassica oleracea L.	Kaboċċa mfelfla (Savoy), Kaboċċa bajda u Kaboċċa ħamra	TP 48/3 Rev. 3 tal-11.4.2024
Brassica rapa L.	Kaboċċa Ċiniża	TP 105/1 tat-13.3.2008
Capsicum annuum L.	Bżar aħmar jew Bżar ieħor	TP 76/3 tal-31.3.2025
Cichorium endivia L.	Indivja tal-werqa mibruma u Indivja tal-werqa sempliċi	TP 118/3 tad-19.3.2014
Cichorium intybus L.	Ċikwejra industrijali	TP 172/2 Rev. tat-28.1.2025
Cichorium intybus L.	Ċikwejra tal-weraq	TP 154/2 Rev. tal-31.3.2023
Cichorium intybus L.	Ċikwejra Witloof	TP 173/2 tal-21.3.2018
Citrullus lanatus (Thunb.) Matsum. et Nakai	Dulliegħ	TP 142/2 Rev. 3 tad-29.2.2024
Cucumis melo L.	Bettieħ	TP 104/2 Rev. 3 tal-31.3.2025
Cucumis sativus L.	Ħjar u Ħjar tal-Pikles	TP 61/2 Rev. 3 tal-3.1.2025
Cucurbita maxima Duchesne	Qara' aħmar	TP 155/1 tal-11.3.2015
Cucurbita pepo L.	Qarabagħli jew Zukkini	TP 119/1 Rev. 2 tal-31.3.2025
Cynara cardunculus L.	Qaqoċċ u Qaqoċċ salvaġġ/ qaqoċċ tax-xewk	TP 184/2 Rev. tas-6.3.2020
Daucus carota L.	Karrotti u Karrotti għall-għalf	TP 49/3 Rett. tat-13.3.2008
Foeniculum vulgare Mill.	Bużbież	TP 183/2 tal-14.4.2021
Lactuca sativa L.	Ħass	TP 13/6 Rev. 5 tal-3.1.2025
Solanum lycopersicum L.	Tadam	TP 44/4 Rev. 5 tal-14.4.2021
Petroselinum crispum (Mill.) Nyman ex A. W. Hill	Tursin	TP 136/1 Rett. tal-21.3.2007
Phaseolus coccineus L.	Fażola ta' Spanja	TP 9/1 tal-21.3.2007
Phaseolus vulgaris L.	Fażola żgħira ta' Franza u Fażola tixxeblek ta' Franza	TP 12/4 tas-27.2.2013
Pisum sativum L. (partim)	Piżelli mkemmxa, Piżelli tonda u Piżelli ħelwa	TP 7/2 Rev. 3 Rett. tas-6.3.2020

Isem xjentifiku	Isem komuni	Protokoll tas-CPVO
Raphanus sativus L.	Ravanell, Ravanell iswed	TP 64/2 Rev. 2 tad-29.2.2024
Rheum rhabarbarum L	Rubarbru	TP 62/1 tad-19.4.2016
Scorzonera hispanica L.	Skorzonera jew Sassefrika sewda	TP 116/1 tal-11.3.2015
Solanum melongena L.	Brunġiel	TP 117/1 tal-13.3.2008
Spinacia oleracea L.	Spinaċi	TP 55/5 Rev. 4 tas-27.4.2022
Valerianella locusta (L.) Laterr.	Insalata tal-qamħ jew Ħass tal-ħaruf	TP 75/2 Rev. tad-29.2.2024
Vicia faba L. (partim)	Ful	TP 206/1 tal-25.3.2004
Zea mays L. (partim)	Qamħirrum ħelu u Popcorn	TP 2/3 tal-11.3.2010
Solanum habrochaites S. Knapp & D.M. Spooner*; Solanum lycopersicum* L. x *Solanum habrochaites* S. Knapp & D.M. Spooner*; Solanum lycopersicum* L. x *Solanum peruvianum* (L.) Mill.*; Solanum pimpinellifolium* L. x *Solanum habrochaites* S. Knapp & D.M. Spooner	Salvaġġ tat-tadam	TP 294/1 Rev. 6 tad-29.2.2024
Cucurbita maxima Duchesne x *Cucurbita moschata* Duchesne	L-ibridi interspeċifiċi tal-*Cucurbita maxima* Duchesne x *Cucurbita moschata* Duchesne għal użu bħala salvaġġ (rootstocks)	TP 311/1 tal-15.3.2017

(*) It-test ta' dawn il-protokolli jinsab fuq is-sit web tas-CPVO (www.cpvo.europa.eu).

ANNESS II

Lista tal-ispeċijiet imsemmija fl-Artikolu 1(2), il-punt (b), li jridu jikkonformaw mal-linji gwida tal-ittestjar tal-UPOV (*)

Isem xjentifiku	Isem komuni	Linja gwida tal-UPOV
Brassica rapa L.	Nevew	TG/37/11 tat-23.9.2022

(*) It-test ta' dawn il-linji gwida jinsab fuq is-sit web tal-UPOV (www.upov.int)."